**Minuti tal-Laqgħa nru 4 tal-Ħames Kunsill, l-Erbgħa 18 ta' Ġunju 2007 fit-8.30 p.m.**

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Kunsillier Josette Agius Decelis | 8.30 p.m. | 01.41 AM |
| Kunsillier Joseph Demartino | 8.30 p.m. | 01.41 AM |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.30 p.m. | 01.41 AM |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.30 p.m. | 01.41 AM |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.30 p.m. | 01.41 AM |
| Kunsillier Paul Agius | Skużat | |
| Kunsillier Kirby Fenech | 11.15 p.m. | 01.41 AM |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.30 p.m. | 01.41 AM |
| Kunsillier John Mary Camilleri | 8.30 p.m. | 01.41 AM |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 8.30 p.m. | 01.41 AM |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur A. Anastasi, kien preżenti għal-laqgħa.

Is-Sindku ntroduċa lis-Sur Frans Axiaq bħala Kunsillier fuq il-"*Comission of the City of Millbrae'*, California, USA". Is-Sindku wera ix-xewqa li jkun hemm aktar koperazzjoni bejn Mosta u Millbrae fil-futur.

Is-Sindku wera ix-xewqa illi għall-monument l-ġdid tal-Mosta ikun hemm irkant għall-uċuh ta' individwi li jiġu stampati fil-mounment.

Is-Sindku qal illi l-fuljett tal-Kunsill ser ikollu format differenti mis-soltu li jinkludi artikli mill-għaqdiet tal-lokal. Il-fuljett ser ikollu aktar paġni u l-artikli għandhom jaslu għand is-Segretarju Eżekuttiv fiż-żmien li jkun mħabbar aktar il-quddiem.

Is-Sindku qal li l-avviżi relevanti qed ikunu imwaħħla fin-Notice Boards taċ- Centru Civiku. Il-Kunsillier Joe Demartino qal li waħda mill-panels tal-Bus Shelter tal-Pjazza ser tintuża bħala Notice Board, għall-użu tal-Kunsill.

Is-Sindku qali li l-Kunsill għandu jara x'jaqbel lill-Kunsill u jara jekk jistax jinxtara il-'Bus Shelter' minflok skond il-ftehim eżistenti.

**1.0 Approvazzjoni tal-minuti laqgħa nru 3 tat-3 ta' Mejju 2007**

**1.1 Korrezzjonijiet**

1.1.1 Il-Kunsillier Joe De Martino irrefera għall-item 3.6 fejn talab l-korrezzjoni tal-minuti illi "Il-Kunsill kien ġja iddiskuta din l-applikazzjoni fejn din l-approvazzjoni setgħet toħloq preċedent u l-Kunsill dak in-nhar kien ivvota unanimament biex dan il-permess ma jinħariġx".

1.1.2 Il-Kunsillier Mario Sammut irrefera għall-item 7.3. L-attivita kienet għall-'Anzjani' żmien mhux għall-Jum l-Omm.

1.1.3 Is-Sindku irrefera għall-item 4.7 fejn tiżdid "Segretarju Internazzjonali".

1.2 Il-minuti ġew approvati nem con.

**2.0 Materji Konnessi**

2.1 Il-Kunsillier J.M. Camilleri qal li għalkemm hu kien issekonda il-mozzjoni biex jinżabru is-siġar tal-pjazza, hu ma kienx jaqbel għal dan il-mod kif ġew mqaċċta.

ilmenti tagħha speċjalment għar-rigward il-*patching*. Is-Sindku wiegeb ... 'patching' m'għandiex taqbeż is-somma ta' Lm 5000 fis-sena u għalhekk hu kien qabbad l-impjegat tal-Kunsill Joe Borg biex jieħu ir-ritratti tat-toroq li l-aktar għandhom bżonn '*patching*'.

2.3 Il-Kunsillier J.M. Camilleri ssuġerixxa li għandhom jinħarġu id-*Default Notices* għall-kuntratturi li jonqsu minn dmirhom speċjalment lill-Kumitat Konġunt tad-Dawl għan-nuqqassijiet tiegħu.

Is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti. Il-Kunsill approva.

## 3.0 Management Accounts: 01/04/2006-31/03/2007

Is-Sindku stieden lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex tgħamel l-intervent tagħha.

Saret spjegazzjoni fejn il-Kunsill kellu bilanċ pożittiv ta' Lm 1425.00. Saret diskussjoni wara l-Kunsill approva il-*Management Accounts* unanimament.

- Il-Kunsillier Kirby Fenech daħħlet għall-laqgħa fil-11.15 p.m.

## 4.0 Korrispondenza

4.1 Il-Kumitat tal-Grawnd ta' Lgħajba talab lill-Kunsill jinnomina il-membri li ser jkunu f'dan il-kumitat. Il-Kunsill approva l ill-Kunsillier Kirby Fenech u Nicola Fenech Adami bħala membri għan-nom tal-Kunsill.

4.2 Il-Viċi Sindku ressqet ilment li għandu jintbagħat lill-Kummissrju tal-Pulizija dwar ipparkjar illegal ital-karozzi minn "Gużi tas-"*second hand*" tat-Triq Kungress Ewkaristiku u fejn il-'Warden' li kien fil-karozza "JET 020" nhar il-11 ta' Ġunju 2007 kienet ipparkjata fuq il-*yellow lines*. Kemm il-warden u kif ukoll is-sid ta' dan il-garage ukoll ħadu il-kafe flimkien ġo l-istess garage. Il-Viċi Sindku irrimarkat illi dan ipparkjar legali hu ta' periklu għall-pubbliku u għall-ħajjiet in-nies, u xorta waħda kemm il-pulizija u l-wardens qegħdin jonqsu minn dmirithom. Il-Kunsill ilu żmien twil iġib dan l-aġir għall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet konċernati.

4.3 Is-Sindku irrefera għall-laqgħa li kellu mal-Ministru Jesmond Mugliett dwar xogħlijiet tat-toroq, sabiex max-xogħlijiet tat-Triq il-Ħtajriet jiġu nklużi it-toroq ta' E.B. Vella u Sgħajtar. Il-Ministru kien ser jara kemm ser tiġi tiswa Triq il-Ħtajriet u wara jara jekk jistax jgħamel dawn it-toroq.

Is-Sindku ppreżenta l-istimi ta' numru ta' toroq għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill: 1) L-Istrinġell @ Lm 13,500, 2) Id-Dawr @ Lm 69.00, 3) It-Trinċetta @ Lm 60,000, 4) L-Antinni @Lm 78,000 (reconstruction using CBM Layer) u 5) E.B. Vella @ Lm 88,000. Il-Kunsill approva li tintbagħat din l-istima lill-Ministru Mugliett.

4.4 Il-Kunsill approva li s-siġar li jinsabu fil-Pjazza Tabib Chetcuti u Triq Enrico Mizzi jitneħħew u jiġu pjantati fit-Triq id-Difiża Ċivili. Għandu jintalab parir tekniku mill-awtoritajiet kompetenti.

4.5 Il-Kunsill approva li jsir ir-"*road markings*" u twaħħil ta' tabelli tat-traffiku fl-area ta' Ta' Mlit, skond il-kwotazzjoni unika preżentati, mill-Koptasin bil-prezz ta' A) Road Markings @ Lm 1278.91 u b) Tabelli @ Lm 367.42.

4.6 Il-Kunsill approva li jsiru madwar ħamsa u għoxrin (25) toqba fl-art għall-arbli tal-festa. Skond l-istima preżentata mill-kuntrattur V& C Contractors Ltd. Il-Kunsill għandu jieħu parir legali u tekniku dwar l-istat tal-kwalita tat-tarmak fil-*parking area* u jekk jistax isiru dawn it-toqob. L-istima preżentata hija ta' Lm 1637.50.

4.7 Il-Kunsill approva li jinġabru stimi għall-'*parquet*' għas-sala tal-komunita', minflok it-tapit eżistenti, u jsir studju dwar l-aħjar '*flooring*' għal din is-sala.

malajr.

4.9 Il-Kunsill approva li jsir id-devoluzzjoni tal-kmamar tal-pulizija biex jiżdiedu mall-Librerija. Il-Kunsill għandu jikkontattja lill-Kumissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward.

4.10 Il-Kunsill approva li tintbagħat il-kwestjonarju dawr '*Traffic Management*' lill-kull dar fil-Mosta. Għandha tingħabar stima tal-ispejjes tal-posta.

4.11 Għall-proposta tas-Sindku, Il-Kunsill approva li s-Sur Joe Sammut jinħatar bħala it-tielet membru fil-kumitat ta' bejn Heritage Malta u l-Kunsill, dwar il-programm 'Cultexchange'.

4.12 Il-kunsill approva li jsir laqgħa mas-sid tal-Blata l-Għolja – il-Baruni Testaferrata Moroni Viani dwar is-sit, biex tinżamm fi stat tajjeb u nadif.

4.13 Il-Kunsill approva li ż-żewġ kuntratti jiġu riveduti u jsiru diskussjonijiet mal-partijiet konċernati.

*4.13.1 Re: Bus Shelter Agreement: "It is advised that Joseph Vella be informed that the Mosta Local Council wants to revise the agreement or on failure to pay the price of Lm 5000 as indicated in article 2 of the agreement between the then Mayor and Vella. On failure to both, the parties should seek the award of the arbitration.*

*4.13.2 Re: Contract of Service of Handyman: "It is advised that the present handyman be informed that the terms of the agreement are to be revised. The option of either to terminate the contract with the present handyman or issue another call of tenders is to be decided by the Local Council on failure to revise the present agreement. If the Local Council gives for the revision of the contract, then the revised agreement with the present hasndyman is to be finalized for a period of not more than six months from the revised agreement which period is t be extended for further period of six months by the Mayor.*

Is-Sindku,il-Viiċ Sindku u Segretarju Eżekuttiv ikunu parti fid-diskussjonijiet, dwar dawn iż-żewġ kuntratti.

**4.14 Impjieg mal-Kunsill**

Qabel ma bidet id-diskussjoni għal din il-materja, is-Sindku jiddikjara li waħda mill-kandidati kellha parentela miegħu billi kienet il-mara tat-tifel tiegħu, u għalhekk ħalla il-laqgħa. ✓

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-rapport tal-*Adjudicating Board* għall-konsiderazzjoni tal-kunsill. Il-'Board' kien compost mis-Segretarju Eżekuttiv, Dr Shirley Farrugia, Perit Chris Grech u is-Sur Mario Sammut. Kien hemm tnax(12) il-kandidat li bagħatu is-CV tagħhom. Minn dawn kien hemm 'shortlisting' ta' erba (4) kanidati li kellhom il-kwalifiku meħtieġa, li kienu: 1) Shazia Chetcuti,2) Stephanie Spiteri, 3) Sarah Zammit u 4) Eric Joseph Grech. Minn dawn żewġ kandidati biss attendew l-interview li kienu a) Shazia Chetcuti u b) Eric Joseph Grech.

L-*Adjudicating Board* irakomnada li Shazia Chetcuti tingħażel għal dan l-impjieg. ✓

Saret diskussjoni.

Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-'*Board*' u għażel lill-Shazia Chetcuti' bħala impjegata klerikali fis-Skala 15 notch 3, skond A.L. 127/1998.

4.15 l-Kunsill approva li jsir '*survey*' f'dawn it-toroq. Parti minn Triq il-Kbira, Triq Sant Anna, Triq L-Oratorju,Triq il-Pont,Triq Baskal Buhagiar u Trejqet il-Paroċċa. Is-*survey* jinkludi '*road alignment*''*levels,door sills,* u *Street Furniture.* Il-Kunslll irċieva kwotazzjoni waħda, dik ta' *Lex Ark Surveys* bil-prezz ta' Lm 230.10.

4.16 Kunsillier Chris Grech ssuġerixxa li l-Kunsill għandu jgħamel talba lill-MEPA dwar fond '*Urban Improvement Fund* (U.I.F.) li hemm disponibbli madwar Lm 100,000 (mitt elf lira Maltija), għal numru ta' proġetti ġodda bħal sqaqien li jiġu '*paved*' bil-madum, it-Triq il-Paroċċa, u oħrajn. ✓

quddiem il-MEPA f'dan ir-rigward, li tikkonsisti fix-xiri ta' fanali, pavimentar, *street furniture*, *playground furniture* etc.... skond proġetti preċdenti li kienu approvati mill-Kunsill, li jammontaw madwar Lm 50,000 (ħamsin elf lira maltija). Il-Kunsillier Chris Grech ssuġerixxa li l-bilanċ li jibqa mit-talba ta' qabel ta' Lm 50,000 ikun użat għal dawn il-proġetti ġodda bħal 'sqaqien li jridu jiġu 'paved', il-priorita' tingħata għax-xogħol ta' Triq il-Paroċċa.

4.17 l-Kunsill innota illi it-tabella 'Merħba' tan-Naxxar L.C. tista qegħda fit-territorju tal-Mosta u għalhekk għandha titpoġġa ftit aktar il-fuq fit-territorju tan-Naxxar.

4.18 Il-Kunsill approva illi jibdew isiru *'courses'* tal-kompjuters kemm għall-*beginners,* żgħażagħ u adulti, organizzati mit-TCTC- dawn il-*courses* ser ikunu 'sponsorjati' għall-residenti Mostin mingħajr ħlas. Jitħallas biss l-ispejjes tan-'*notes*'. Dawn il-*courses* huma sponsorjati għall mitt (100) persuna għal kull course. Il-courses jikkonsistu 1) ECDL Start,2) Learn IT Beginners, u 3) Learn IT –Adulti, Il-Kunsill approva il-ħlas lit-TCTC ta' a) Lm 475.00 x 2 u b) Tqassim tal-Leaflets @Lm 90.00- Total ta' Lm 1,040.00(2422.58 Euros).

4.19 Il-Viċi Sindku preżentata il-lista kompluta ta' *skilled course* li ser jiġu organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill approva li jsiru dawn il-courses u jsir it-tqassim tal-*leaflets* relevanti. Il-'*cost*' tal-leaflets, skond kwotazzjoni preżentaat ta' Lm 105.00 ġiet appovata. Il-Kunsill approva ukoll id-distribuzzjoni tal-*'leaflets'* li m'għandhiex taqbeż is-somma ta' Lm 100.00.

4.20 Il-Kunsillier Shirley Farrugia ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi qed jaslu ħafna ilmenti li qed jidhru ħafna ġriden fil-binja ta' Esperanza Court fi Vjal Indipendenza. Il-Kunsill għandu jinform lis-Sanita f'dan ir-rigward.

4.21 l-Kunsillier Kirby Fenech avżat lill-Kunsill illi qed tiġi organizzata' Maratona ta' Ġimgħa li ser tibda miż-Żejtun u tibqa sejra sa Għawdex . Skond il-programm din il-Maratona għandha tasal il-Mosta nhar is-Sibt 27 ta' Awissu 2007 u jikkampjaw fil-Mosta fil-Parking Area. Din il-maratona hija organizzata mill-Kunsill Lokali Zejtun. Il-Kunsill approva li jipparteċipa u jikkontribwixxi xi 'refreshments' għal madwar sebgħin (70) ruħ. Għandu jkun hemm provdut numru ta' '*mobile toilets*'.

**5.0 Pagamenti**

5.1 Il-Kunsill approva il-ħlassijiet li saru b'urġenza skond klawsola 32(3&4).

5.2 Il-Kunsill approva il-ħlassijiet skond l-iskeda preżentata.

L-agenda ġiet eżawrita kollha.

Il-laqgħa spiċċat fin-nofs il-lejl (01.41 AM)

| | |
|---|---|
| Paul Chetcuti Caruana<br>Sindku | Alphonse Anastasi<br>Segretarju Eżekuttiv |